# QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 42/2024/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Renato Micallef**

Illum 27 ta' Mejju 2025

Il-Qorti,

1. Rat l-Att ta' Akkuża kontra l-akkużat **Renato Micallef**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 282063(M), li bih huwa ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta bis-segwenti:

**<u>L-Ewwel (1) Kap</u>**
**<u>Assoċjazzjoni għall-bejgħ u traffikar ta' *cannabis*</u>**

**Talli nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel**

**din id-data, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew ittraffika f'dawn il-Gzejjer mediċina (pjanta tal-*cannabis resin* kollha jew biċċa minnha) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.**

**<u>It-Tieni Kap</u>**
**<u>Pussess aggravat tad-droga *cannabis*</u>**

**Talli nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

2. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Renato Micallef, flimkien mal-Lista tax-Xhieda ppreżentati fid-29 ta' Ottubru 2024.[1]

[1] *A fol.* 12 *et seq.*

3. Rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fit-13 ta' Novembru 2024[2] magħmula fit-termini ta' Artikolu 438(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tagħha ta avviż dwar l-ammissibilita' tax-xhieda ndikati mill-akkużat Renato Micallef fil-Lista tax-Xhieda annessa man-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tiegħu[3].

4. Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fit-12 ta' Diċembru 2024[4] għan-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat Renato Micallef.

5. Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex tindaga dwar l-eċċezzjonijiet li jridu jiġu deċiżi.

6. Rat dak li ġie verbalizzat quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-6 ta' Frar 2025.

**Ikkunsidrat**

7. Illi f'din is-sentenza din il-Qorti ser tindirizza kemm l-eċċezzjonijiet imqajjma mill-akkużat kif ukoll dawk imressqa mill-Avukat Ġenerali in segwitu tan-Nota ta' Eċċezzjonijiet preliminari u lista ta' xhieda ppreżentati mill-akkużat. Din il-Qorti ser tibda billi tindirizza l-eċċezzjonijiet imressqa mill-akkużat.

**Ikkunsidrat**

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-EĊĊEZZJONIJIET IMRESSQA MILL-AKKUŻAT</u>**

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni</u>**

8. Illi fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-akkużat jeċċepixxi n-nullita' tal-Att tal-Akkuża u tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Huwa jargumenta li permezz tal-Ordni tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2018 il-Qorti tal-

[2] *A fol.* 17 *et seq.*
[3] *A fol.* 12 *et seq.*.
[4] *A fol.* 21 *et seq.*

Maġistrati ġiet mogħtija ġurisdizzjoni kriminali liema ġurisdizzjoni ma setgħetx tiġi mibdula biż-żieda ta' akkuża speċjalment meta tali akkuża ma tinstabx fl-Att tal-Akkuża.

9. Illi fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jagħmel riferenza għal Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jagħmel riferenza għal verbal tas-seduta miżmuma fil-11 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 16) fejn mal-preżentazzjoni ta' imputazzjonijiet ġodda fil-konfront tal-akkużat, ġew reġistrati l-qari taħt ġurament tal-imputazzjonijiet mill-Uffiċjal Prosekutur, l-eżami tal-imputat kif ukoll ingħata d-digriet tal-*prima facie* li bih l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja iddikjarat li l-akkużat kellu jitqiegħed taħt att ta' akkuża abbażi tal-imputazzjonijiet l-ġodda. Itenni li għalhekk iċ-ċirkostanzi mitluba mill-Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew osservati. Minbarra dan isemmi li kull difett ieħor li seta' kien jeżisti fl-atti kompilatorji qabel l-udjenza tal-11 ta' Mejju 2018 ma jġib ebda nullita' tal-Att tal-Akkuża stante illi sabiex ikun hemm nullita', din trid toħroġ mill-istess liġi.

10. Illi l-Avukat Ġenerali jsemmi wkoll li l-proċeduri bdew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u baqgħu jinstemgħu quddiem dik l-istess Qorti u kwindi l-kompetenza *ratione materie* qatt ma ġiet alterata, kienet konsistenti u baqgħet impreġudikata matul l-istess proċeduri bl-istess mod li ma ġewx ippreġudikati l-fatti li jikkostitwixxu l-Att tal-Akkuża. Isemmi li huwa proprju l-effetti tat-tieni Ordni li jorbtu in vista li hemm marbuta miegħu imputazzjonijiet ġodda li ġew verifikati *ai termini* ta' dak li jitlob Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. Illi rigward iż-żieda tal-imputazzjoni l-ġdida li ma ġietx riflessa fl-Att tal-Akkuża, l-Avukat Ġenerali jgħid li dan huwa proprju eżerċizzju tad-diskrezzjoni mogħtija lilu mil-liġi. Jispiċċa billi jgħid li n-nullita' ta' Att tal-Akkuża tirriżulta biss jekk l-Att tal-Akkuża tkun tikkontjeni difett sostanzjali tal-forma li ma tistax tiġi sanata b'rimedju proċedurali.

12. Illi dwar l-eċċezzjoni in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li l-akkużat tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-3 ta' Mejju 2018 fejn l-akkużat ġie mixli b'assoċjazzjoni ta' traffikar tad-droga *cannabis* u bil-pussess aggravat tal-istess droga. Dakinhar l-Avukat Ġenerali ta l-ordni sabiex l-akkużat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (*a fol.* 7).

13. Illi fil-verbal tas-seduta ta' wara *ossia* dik miżmuma fil-11 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 16 *et seq.*) jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ppreżentat imputazzjonijiet ġodda u li din id-darba l-Avukat Ġenerali ordna li l-akkużat kellu jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali (*a fol.* 22) sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Għandu jingħad li l-imputazzjonijiet il-ġodda li ġew ippreżentati kienu xejn ħlief l-imputazzjonijiet oriġinali msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan u magħhom kien hemm imputazzjoni oħra li tirrigwarda traffikar ta' droga *cannabis*.

14. Illi mill-Att tal-Akkuża jirriżulta li ma hemmx imniżżla l-imputazzjoni l-ġdida li tissemma fil-paragrafu preċedenti tant li l-Att tal-Akkuża fiha żewġ Kapi ta' akkuża u mhux tlieta. Dwar l-eċċezzjoni in eżami, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta Lulju 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Charles Borg (**Numru 35/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta, wara li għamlet riferenza għal Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, qalet hekk:

> "3. Dan l-artikolu għalhekk jagħti lill-Avukat Ġenerali s-setgħa li jagħżel quddiem liema Qorti jkollu jiġi ġudikat il-ġudikabbli. Dan l-'ordni' tal-Avukat Ġenerali fih innifsu ma jiddeterminax il-prosegwibbilita' tal-kawża kontra l-ġudikabbli iżda jservi sabiex ifassal u jiddetermina l-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tkun imsejħa tiddeċiedi l-kawża. Fl-appell kriminali superjuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Mifsud**[5] (liema deċiżjoni saret ukoll referenza għaliha fil-kawża

[5] "Deċiża nhar id-29 ta' Mejju 2008."

fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Eduardo Navas Rios**),[6] ġie rilevat:

> "L-ordni skond l-imsemmi artikolu 22(2) (of Chapter 101 in that case) jinħareġ fil-bidu tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għall-iskop biss biex dik il-Qorti tkun tista' tirregola ruħha u tara għandhiex tipproċedi bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew bħala Qorti Istruttorja fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet li jkunu jipotizzaw reat skond il-Kapitolu 101. …. L-iskop ta' l-ordni … intlaħaq meta l-Qorti Inferjuri (Sic!) pproċediet għall-kumpilazzjoni, u ġie ri-affermat bl-att ta' l-akkuża….li permezz tiegħu akkużi miġjuba kontra Joseph Mifsud….effettivament tressqu quddiem il-Qorti Kriminali."

4. Bl-istess mod ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Andre Falzon u Sean Farrugia** deċiż nhar it-28 ta' Jannar 2022 fejn saret referenza wkoll għal appell superjuri tal-5 ta' Frar 1996 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Mifsud**:

> "Il-funzjoni ta' l-Avukat Ġenerali *ai termini* ta' l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tidhol fix-xena mhux bħala pre-rekwiżit biex jiġu istitwiti proċeduri penali, bħalma huwa l-każ ta', per eżempju, l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju fejn il-liġi trid u timponi illi qabel ma jkunu jistgħu jinbdew il-proċeduri, huwa rikjest *sine qua non* il-permess jew l-awtorizzazzjoni ta' l-Avukat Ġenerali, iżda bħala pre-rekwisit għal dik li hija x-xelta ta' liema Qorti sejra tiġġudika lill-imputat jew akkużat skond il-każ. Dak li l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 jippreċiża huwa

[6] "Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar l-20 ta' Jannar 2011."

illi l-Qorti li eventwalment sejra tiddeċiedi l-każ ta' allegat ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Kap, ma jagħżilx l-imputat kif jista' jagħmel prattikament fil-każijiet kollha kriminali, fejn jista' jkun hemm ix-xelta prevista mil-liġi, iżda jagħżilha l-Avukat Ġenerali. Fil-każ tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Pulizija għandha dejjem id-diskrezzjoni li tmexxi u tippreżenta lil dak li jkun u takkużah quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali, pero', liema Qorti eventwalment se jkollha l-ġurisdizzjoni illi tiddeċiedi dak il-każ ma jiddependix mill-Pulizija, anqas mill-akkużat, imma jiddependi esklusivament mill-Avukat Ġenerali. Ebda awtorizzazzjoni mill-Avukat Ġenerali m'hija rikjesta mil-liġi biex jinbdew il-proċeduri u li dak li hemm previst mil-liġi hija d-diskrezzjoni assoluta tal-Avukat Ġeneral li jiddeċiedi hu u mhux l-imputat mil-liema Qorti ser jiġi ġġudika l-istess imputat."

5. Il-proċess deċiżjonali li l-Avukat Ġenerali jkun irid jagħmel meta jiġi biex joħroġ tali ordni jistrieħ fuq analiżi tal-fatti li jiġu preżentati lilu kemm qabel ma jkunu nbdew il-proċeduri, kif ukoll waqt li dawk il proċeduri li jkunu ġew mibdija. Jibda biex jingħad li l-kwistjoni ta' kompetenza tal-Qorti sabiex tiġġudika dawk il-kawżi marbuta ma' pussess u traffikar ta' droga bi ksur tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta[7] - u allura wkoll il-poter tal-Avukat Ġenerali li jagħżel il-Qorti li tkun sejra tiġġudika lill-persuna mixlija – huwa marbut mal-kwantum tal-piena li jkun iġorr dak ir-reat li bih ikun ġie mixli l-ġudikabbli skont l-Artikolu 22(2)(a)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk id-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tkun

[7] "Jew taħt il-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawnhekk il-Qorti sejra tiffoka fuq il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex is-sustanzi illeċiti mertu tal-kawża in diżamina huma regolati taħt din tal-aħħar."

tiddependi minn analiżi tal-fattispeċje tal-każ mgħarbla mill-ottika ta' diversi kriterji li ġew elenkati fir-Raba' Skeda tal-imsemmi Kapitolu u li l-Avukat Ġenerali jkun irid jistħarreġ l-eżistenza u l-entita' tagħhom fil-każ partikolari meta jiġi biex joħroġ l-ordni hawn fuq imsemmi.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(2)(a) u (b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jimxu id f'id ma' dawk l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali li jiddeterminaw il-kompetenza li għandha tkun vestita fil-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali ovveru l-Artikoli 370 u 436 tal-Kodiċi Kriminali.

7. Dan l-eżerċizzju tad-determinazzjoni dwar liema Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandu jkollha l-ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi każ istitwit taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 101 ossija wkoll il-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eżerċizzju dinamiku tant illi fl-appell kriminali **Mifsud**, ġie wkoll mistqarr li filwaqt li jkun spedjenti li l-Avukat Ġenerali jistabbilixxi sa mill-bidu tal-proċeduri liema hija l-Qorti magħżula sabiex tiddeċiedi l-kawża wara l-għeluq tal-kumpilazzjoni, huwa jista' wkoll...

> "Effettivament, jidher illi strettament, l-Avukat Ġenerali jekk irid, **jista' jistenna l-eżitu tal-kumpilazzjoni biex jiddeċiedi**[8] jekk l-imputat jiġix ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew mill-Qorti Kriminali...."

8. L-istess appell kriminali stabbilixxa li żball li jsir fl-ordni maħruġ mill-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u

[8] "Enfasi miżjuda."

pendenti l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja jista' jiġi korrett:

> "...sa kemm kien għad hemm il-fakolta' tal-Avukat Ġenerali li jirrinvija l-atti lil dik il-Qorti, kellu wkoll il-fakolta' li jippreċiża u jikkoreġi l-ineżattezzi kollha li kien hemm f'dik l-ordni tiegħu."

9. B'hekk żball li jiġi korrett fl-istadju opportun ma jwassalx għan-nullita' tal-proċedura penali meħuda daqskemm l-istess ordni ma jitqiesx li jkun difettuż.

10. L-akkużat jilmenta wkoll li tali korrezzjoni ma kienetx possibbli *ai termini* tal-Artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu din id-dispożizzjoni ma ssibx applikazzjoni f'dan il-kuntest legali.

[...]

12. Huwa minnu li l-proċedura penali hija mfassla għall-ħtiġijiet partikolari marbuta mal-eżerċizzju tal-azzjoni penali. Fil-fatt l-att ġudizzjarji li jiġu preżentati fil-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali huma kemmxejn differenti minn dawk li l-professjonista legali jkun imdorri jħaddem u jippreżenta quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Ċivili. Huwa preċiżament għalhekk li l-artikolu 520(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali jirrendi applikabbli għall-proċedimenti kriminali d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bil-premessa, jekk mhux ukoll caveat li, dak l-artikolu hekk japplika ħlief fejn ikun xort'oħra provdut fil-Kodiċi Kriminali u li jkun jgħodd *mutatis mutandis* għall-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali.

13. L-Ordni mogħti mill-Avukat Ġenerali fis-sensi tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa

Ordni *sui generis*. Fl-appell kriminali **George Mifsud** ġie bl-iżjed mod ċar mistqarr illi:

> "Il-funzjoni ta' l-Avukat Ġenerali *ai termini* ta' l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tidhol fix-xena mhux bħala pre-rekwiżit biex jiġu istitwiti proċeduri penali, bħalma huwa l-każ ta', per eżempju, l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju fejn il-liġi trid u timponi illi qabel ma jkunu jistgħu jinbdew il-proċeduri, huwa rikjest *sine qua non* il-permess jew l-awtorizzazzjoni ta' l-Avukat Ġenerali, iżda bħala pre-rekwiżit għal dik li hija x-xelta ta' liema Qorti sejra tiġġudika lill-imputat jew akkużat skond il-każ. Dak li l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 jippreċiża huwa illi l-Qorti li eventwalment sejra tiddeċiedi l-każ ta' allegat ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Kap, ma jagħżilx l-imputat kif jista' jagħmel prattikament fil-każijiet kollha kriminali, fejn jista' jkun hemm ix-xelta prevista mil-liġi, iżda jagħżilha l-Avukat Ġenerali. Fil-Każ tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Pulizija għandha dejjem id-diskrezzjoni li tmexxi u tippreżenta lil dak li jkun u takkużah quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali, pero', liema Qorti eventwalment se jkollha l-ġurisdizzjoni illi tiddeċiedi dak il-każ ma jiddependix mill-Pulizija, anqas mill-akkużat, imma jiddependi esklussivament mill-Avukat Ġenerali. Ebda awtorizzazzjoni mill-Avukat Ġenerali m'hija rikjesta mil-liġi biex jinbdew il-proċeduri u li dak li hemm previst mil-liġi hija d-diskrezzjoni assoluta ta' l-Avukat Ġeneral li jiddeċiedi hu u mhux l-imputat mil-liema Qorti ser jiġi ġġudikat l-istess imputat. Dik l-ordni kienet tkun rikjesta, u hija effettivament rikjesta mil-liġi, biex f'għeluq il-kumpilazzjoni, jekk ikun kemm biżżejjed provi, il-kawża tiġi diretta jew

> inkanalata quddiem dik il-Qorti illi l-Avukat Ġenerali, jkun stabbilixxa. Effettivament, jidher illi, strettament, l-Avukat Ġenerali jekk irid, jista' jistenna sa l-eżitu tal-kumpilazzjoni biex jiddeċiedi jekk l-imputat jiġix ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew mill-Qorti Kriminali u f'dan il-każ m'hemm ħadd iżjed li għandu xelta ħlief hu. Sakemm ikun hemm il-fakolta' ta' l-Avukat Ġenerali li jirrinvija l-atti lill-Qorti Istruttorja, l-Avukat Ġenerali jkollu wkoll il-fakolta' li jippreċiza u jikkoreġi l-ineżattezzi kollha li jkun hemm fl-ordni tiegħu. L-użu ta' laqam – fenomenu pjuttost komuni f'Malta mhux biss fost il-ġenerazzjonijiet li għaddew imma anke fost il-ġenerazzjoni li tiela' – fi proċeduri kriminali jista' jkun importanti mhux biss fil-każ fejn xhud ma jkunx jaf id-dettalji ta' l-isem u l-kunjom ta' l-akkużat jew ta' xi xhud ieħor, iżda anke f'każijiet fejn ikun jaf dawn id-dettalji. Ir-raġuni hija ovvja, anke għaliex l-użu ta' jew ir-referenza għal-laqam jista' jintuża bħala punt ta' referenza fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra fejn ix-xhud ma jkunx jaf dawk id-dettalji."

14. Dan l-Ordni allura huwa att li jeħtieġ li jsir fil-forma miktuba u li jkun irid jifforma wkoll parti mill-atti ġudizzjarji in kwantu biex ikun suxxettibbli għal korrezzjoni jew preċiżazzjoni, bilfors li jrid ikun hemm evidenza f'xi forma miktuba jew stampata li tkun tista' tiġi korretta jew preċiżata. Għalkemm imsejjaħ Ordni, dan id-dokument redatt mill-Avukat Ġenerali jrid jiġi preżentat fl-atti ta' proċedimenti kriminali quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali. In kwantu tali, għandu jitqies li huwa skrittura għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi proċedurali, non che att ġudizzjarju in kwantu għandu funzjoni sanċita lilu bis-saħħa ta' Liġi u li huwa

meħtieġ għalbiex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tassumi l-ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi azzjoni penali li tkun ġiet jew sejra tiġi istitwita quddiemha.

15. Kif ingħad, fl-appell kriminali **George Mifsud**, ġie dikjarat b'mod ċar u espliċitu li sakemm ikun għad hemm il-proċediment istruttorju, u allura l-Avukat Ġenerali jkun għad għandu l-fakulta' li jirrinvija l-atti lill-Qorti Istruttorja, l-Avukat Ġenerali jkollu wkoll il-fakulta' li jippreċiża u jikkoreġi l-ineżattezzi kollha li jista' jkun hemm fl-Ordni tiegħu. L-indikazzjoni hawnhekk kienet li jista' jagħmel dan fil-kors ordinarju tiegħu tramite n-nota tar-rinviju, li allura tkun l-iżjed metodu faċli u dirett previst mil-Liġi stess bħala mezz ta' kif l-Avukat Ġenerali jidderieġi l-atti tal-istruttorja quddiem il-Qorti Istruttorja. Iżda din is-sentenza ssemmi li sakemm ikun hemm il-fakulta' tal-Avukat Ġenerali li jirrinvija l-atti lill-Qorti Istruttorja, l-Avukat Ġenerali jkollu wkoll il-fakulta' li jippreċiża u jikkoreġi l-ineżattezzi kollha li jkun hemm fl-ordni tiegħu. Din is-sentenza ma tgħidx li tali preċiżazzjoni jew korrezzjoni tkun trid issir esklussivament fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali, iżda li sakemm il-proċess istruttorju jkun għadu miftuħ, l-Avukat Ġenerali jkun jista' jippreċiża jew jikkoreġi l-ineżattezzi kollha li jkun hemm fl-ordni tiegħu. Naturalment din id-deċiżjoni trid tittieħed fl-isfond tal-proċedura penali li kienet teżisti fiż-żmien meta dik is-sentenza ġiet mogħtija.

16. F'dan il-każ l-Avukat Ġenerali għażlet li tagħmel it-talba għall-korrezzjoni tal-Ordni tagħha permezz tar-rikors datat 14 ta' Marzu 2022 meta l-proċedura istruttorja kienet għadha miftuħa. Din it-talba saret in bażi għall-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli għall-proċedimenti kriminali bl-artikolu 520(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Hu minnu li dan ir-rimedju ma ġiex imsemmi fl-appell kriminali **George Mifsud**. Iżda għal dan hemm spjegazzjoni sempliċi. Is-

sostituzzjoni tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kienet daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 1995 u dan l-appell **George Mifsud** kien ġie deċiż fil-5 ta' Frar 1996 fi żmien fejn allura l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif sostitwit kien għadu ma ġiex reż applikabbli wkoll għal proċeduri kriminali.

[…]

22. F'dan il-każ, meta trattasi ta' talba għal korrezzjoni ta' Ordni maħruġ skont l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-proċedura trid ukoll titqies mil-lenti tan-natura legali tal-Ordni nonche' x'vuċi jew rimedju huwa mogħti mil-Liġi lill-ġudikabbli biex jissindaka, jopponi, jikkontesta, jikkonsidra jew jittratta tali Ordni.

23. Il-Liġi ma takkordax jedd lill-ġudikabbli li jagħżel hu quddiem liema Qorti l-każ tiegħu għandu jiġi mismugħ u minn liema Qorti għandu jiġi ġudikat. L-anqas ma jirriżulta li l-Liġi tagħti xi jedd ta' sindakar, oppożizzjoni, kontestazzjoni jew konsiderazzjoni lill-ġudikabbli fir-rigward tal-proċess tal-ħruġ tal-istess Ordni kemm qabel kif ukoll immedjatament wara l-ħruġ tiegħu. Semmai fl-artikolu 22(2A)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Liġi tippreskrivi rimedju lill-akkużat li bih ikun jista' jwassal lil Qorti Kriminali li tissindaka l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali mogħti bl-Ordni li bih ikun ta d-direzzjoni tiegħu dwar liema Qorti tkun imsejħa tiddeċiedi l-meritu tal-azzjoni kriminali kontra l-akkużat: iżda dan ir-rimedju mhux intiż li jattakka l-Ordni fil-mument tal-ħruġ tiegħu. Dan ir-rimedju jista' jittieħed mill-akkużat meta tintemm il-kumpilazzjoni jew fi żmien sebat ijiem mid-data li fiha l-akkużat ikun notifikat bl-att ta' akkuża, f'każ li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja tiddeċiedi li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-akkużat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Dak ir-rimedju jipprevedi li l-akkużat ikun jista' permezz

ta' rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Kriminali fi żmien sebat ijiem mit-tmiem tal-kumpilazzjoni, jitlob lill-imsemmija Qorti sabiex tordna li huwa jiġi ġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali għandha, wara li tkun ordnat in-notifika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali u tagħtih sebat ijiem biex iwieġeb lura u wara li tkun semgħet is-sottomissjonijiet orali mingħand l-akkużat u l-Avukat Ġenerali, jekk tqis li dan huwa neċessarju, tiddeċiedi quddiem liema qorti l-akkużat għandu jiġi ġġudikat u l-akkużat għandu jiġi ġġudikat skont id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali.

24. Iżda dawk huma l-limiti tar-rimedji disponibbli lill-akkużat ossija ġudikabbli. Ġaladarba l-anqas jirriżulta li l-akkużat għandu xi dritt li jikkontesta dak l-istess Ordni mogħti mill-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta għajr ħlief fil-parametri tar-rimedju previst fl-artikolu 22A(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, isegwi illi n-nuqqas li dan ir-rikors intavolat mill-Avukat Ġenerali sabiex issir korrezzjoni tal-formola adoperata fl-ordni maħruġa minnu tkun innotifikata lill-akkużat, ma ġġibx xi konsegwenza ta' nullita' tal-Ordni jew tal-proċedura – anke jekk il-Qorti li ħarġitu tkun ordnat in-notifika tiegħu u din ma tkunx saret u wisq anqas il-ġudikabbli jkun wieġeb.

25. Ir-raġuni hija li f'dak l-istadju, kwalunkwe risposta tal-ġudikabbli, proċeduralment ma twassal imkien. Ma hemm xejn li jżomm lill-Avukat Ġenerali mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha rifless fil-ħruġ tal-Ordni mill-mument tal-ħruġ tiegħu sal-eventwali għeluq tal-istruttorja jew sa sebat ijiem mid-data tan-notifika lilu tal-att tal-akkuża."

15. Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-24 ta' Jannar 2024 fir-rigward tas-sentenza ċitata fil-

paragrafu preċedenti ossia dik fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Charles Borg** (Numru 35/2022), il-Qorti msemmija qalet hekk:

> "13. Illi esposti dawn il-fatti probatorji, il-Qorti mal-ewwel tafferma illi taderixxi ruħha totalment mal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti Kriminali dwar dan l-ilment imqanqal mill-appellant, konsiderazzjonijiet li huma ineċċepibbli u li jirrispekkjaw, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-ħsieb tal-leġislatur meta afda f'idejn l-Avukat Ġenerali l-poter deċiżjonali dwar liema qorti għandha tkun adita bis-smigħ ta' kawża imressqa fit-termini tal-Kapitolu 101, u wkoll il-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali iservi biex tingħata direzzjoni lil Qorti tal-Maġistrati dwar x'funzjoni għandha tassumi, jekk hux dik istruttorja tal-kumpilazzjoni, jew inkella ta' ġudikatura kriminali. Il-ħruġ ta' dan l-Ordni għalhekk ma għandux l-istess funzjoni ta' dak l-Ordni li huwa meħtieġ taħt xi liġijiet speċjali penali sabiex ikunu mnehdija l-proċeduri u li mingħajru dawk il-proċeduri ma jistgħux jimxu 'il quddiem. Tant hu hekk illi kif tajjeb irrimarkat il-Qorti Kriminali, mat-tmiem tal-kumpilazzjoni il-persuna akkużata għandha d-dritt tissindika dik id-deċizjoni fit-termini ta' l-artikolu 22(2A)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-Qorti Kriminali allura għandha l-poter tiddeċiedi illi l-każ kontra l-ġudikabbli, fuq talba tiegħu stess, jinstema' u jkun deċiż quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-funzjoni tagħha ta' ġudikatura kriminali, u mhux bil-ġuri.
>
> 14. Fil-fatt l-appellant stess jikkonċedi illi dan l-Ordni, li jinħareġ fil-bidu tal-proċeduri, għandu bħala l-għan tiegħu li jagħti direzzjoni lil Qorti tal-Maġistrati kif għandha tirregola ruħha u ċioè sabiex tara jekk tipproċediex bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew bħala Qorti Istruttorja.[9] Jibqa' jinsisti allura illi l-Ordni

[9] "Ara *a fol.* 2 tar-Rikors tal-appell."

kif inħareġ, li jindika li huwa kellu ***"jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Kriminali"***, minflok ***"jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali"*** huwa difettuż għaliex ma jagħtix din id-direzzjoni.

15. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dan ir-raġunament proprju għaliex, immaterjalment jekk dan llum jinsabx issanat bil-korrezzjoni li saret mill-Qorti Istruttorja fuq talba ta' l-Avukat Ġenerali, jibqa' il-fatt illi l-Ordni kif inħareġ serva biex ingħatat id-direzzjoni lil Qorti tal-Maġistrati, kif ingħad, billi bdiet il-kumpilazzjoni tal-provi quddiem dik il-Qorti bħala Qorti Istruttorja, bl-appellant, allura imputat, joqgħod għal dik il-kompetenza kumpilatorja tant illi l-Qorti tal-Maġistrati iddikjarat illi kien hemm biżżejjed provi biex huwa jitqiegħed taħt Att ta' l-Akkuża. Ma jidhirx minn eżami tal-atti kumpilatorji illi l-appellant, debitament assistit tul il-proċeduri, ikkontesta l-kompetenza tal-Qorti u l-għoti tad-digriet hekk imsejjaħ *"tal-prima facie"* għar-raġuni illi l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ma kienx qed jagħti indikazzjoni lil dik il-Qorti illi hija għandha din il-kompetenza, iżda ħalla kollox għaddej.[10]"

16. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Andre' Falzon et** (Numru 542/2012) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

"Illi minn dan l-insenjament ġurisprudenzjali mfassal fuq il-kelma tal-liġi in materja, huwa evidenti illi l-Prosekuzzjoni mmexxija mill-Pulizija Eżekuttiva ma kien jenħtieġilha ebda awtorizzazzjoni mill-Avukat Ġenerali sabiex iżżid imputazzjoni fil-konfront tal-appellant u setgħat liberalment tagħmel dan quddiem il-Qorti, li l-Avukat Ġenerali, fid-diskrezzjoni fdata f'idejh bil-liġi, kien iddeċieda li kellha titmexxa l-kawża. Il-Qorti tal-

[10] "Ara seduta tal-10 ta' April 2019 *a fol.* 69 tal-atti kumpilatorji fejn ingħata d-digriet *prima facie*."

Maġistrati, adita mill-Avukat Ġenerali bl-Ordni minnu maħruġ sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża fil-kompetenza tagħha ta' Ġudikatura Kriminali, kellha s-setgħa skont il-liġi tmexxi l-każ 'il quddiem mingħajr ebda direzzjoni oħra minn naħa tal-Avukat Ġenerali, inkluż allura li tawtorizza kwalunkwe żieda jew korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni, kif mitlub mill-Prosekuzzjoni. Għaldaqstant għal dawn il-motivi dan l-aggravju imressaq mill-appellant Andre' Falzon qed jiġi miċħud."

17. Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenzi hawn fuq ċitati. Mill-atti proċesswali tal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, b'mod partikolari mill-verbal tas-seduta miżmuma fit-3 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 3 *et seq.*) jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-investigazzjoni kienet għadha għaddejja. Minkejja dan ġie ppreżentat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali fejn ordna li l-akkużat kellu jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Sussegwentement, kif ingħad aktar 'il fuq, fis-seduta ta' wara l-Prosekuzzjoni talbet u żiedet l-imputazzjoni ta' traffikar. Ma' din it-talba ġie ppreżentat l-Ordni ġdid tal-Avukat Ġenerali fejn din id-darba ordna li l-akkużat kellu jiġi proċessat quddiem il-Qorti Kriminali. Għandu jingħad li minkejja li l-akkużat kien debitament assistit huwa ma ressaq l-ebda oġġezzjoni lejn din iż-żieda b'dana illi huwa qagħad għal dik il-kompetenza kumpilatorja tant illi l-Qorti tal-Maġistrati ddikjarat illi kien hemm biżżejjed provi biex huwa jitqiegħed taħt Att ta'Akkuża.

18. Illi stante li dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti seħħ kollu meta l-Avukat Ġenerali kien għadu fi stadju fejn seta' jirrinvija l-atti lill-Qorti Istruttorja, tali bidla kienet għadha permessa. Kif indikat fis-sentenzi ċitati aktar 'il fuq f'din is-sentenza, ir-rimedju li kellu l-akkużat kien li jikkontesta d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

19. Illi minbarra dan għandu raġun jgħid l-Avukat Ġenerali li d-dettami mitluba mill-Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew rispettati. Għandu wkoll raġun l-Avukat Ġenerali li

jgħid li Att tal-Akkuża ma jistax jiġi dikjarat null sakemm ma jirriżultax element li ma jistax jiġi kkoreġut. Dwar dan din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-7 ta' Diċembru 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Austin Mallia** (Numru 22/2022) fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> "Ġie ukoll ritenut li l-Att tal-Akkuża ma jistax jiġi annullat minħabba żbalji li jistgħu, skond il-liġi, jiġu korretti mill-Qorti fil-kors tal-kawża (ara. **Reġina vs. Cutajar**, Qorti Kriminali, 17.10.1987 u **Rex vs. C. Camilleri**, Qorti Kriminali, 2.5.1905)."

20. Illi fl-aħħar, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Mejju 2024 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Aleksandar Stojanovic** (Numru 36/2022) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "16. It is undisputed that in this case the Attorney General adhered to the time limits imposed at law and requested the Criminal Court for a fifteen-day extension as provided in article 432, however the fact that the Court's decree granting this request is not found in the acts of the inquiry is at the core of appellant's first preliminary plea. Now in this case, contrary to the plea raised in the Muka judgment appellant is raising the nullity of the Bill of Indictment together with the nullity of the acts of the proceedings, the Court presuming that appellant is here referring to the acts of the inquiry. To begin with the Bill of Indictment may be declared null and void only if there is non-adherence to the requisites laid out in article 589 of the Criminal Code[11]. Moreover,

[11] "The indictment shall be made in the name of the Republic of Malta and shall - (a) specify the court before which it is preferred; (b) contain a clear indication of the person accused; (c) state the facts constituting the offence with such particulars as can be given relating to the time and place in which the facts took place and to the person against whom the offence was committed, together with all such circumstances as, according to law and in the opinion of the Attorney General, may increase or diminish the punishment for the offence; and (d) end with a summary in which the accused shall be charged with the offence as specified or described by the law, and with the demand that the accused be proceeded against according to law, and that he be sentenced to the

the acts of the inquiry may also be found to be defective only for the reasons laid out in article 597(4) of the Criminal Code being **"the total absence of the charges being read or of the examination of the accused or of the order committing the accused for trial, or in the refusal of the court of criminal inquiry, without just cause, to hear the evidence produced by the accused; saving always the right of the accused and the Attorney General to oppose the production, at the trial, of any act tendered in evidence which is not according to law.""**

21. Illi in segwitu ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u li ġie ċitat fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat isegwi li din l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.

**<u>It-Tieni Eċċezzjoni</u>**

22. Illi fit-tieni eċċezzjoni l-akkużat jeċċepixxi li l-piena mitluba fiż-żewġ Kapi tal-Att tal-Akkuża hija żbaljata in kwantu għar-raġunijiet imsemmija fl-ewwel eċċezzjoni l-piena indikata fl-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kien sar dritt akkwiżit li ma seta' qatt jiġi mibdul bħala konsegwenza tal-Ordni tal-Avukat Ġenerali tad-9 ta' Mejju 2018, liema Ordni, skont l-akkużat, ma setgħax isir skont il-liġi.

23. Illi għal din l-eċċezzjoni l-Avukat Ġenerali jwieġeb billi jagħmel riferenza għal dak li qal taħt l-eċċezzjoni preċedenti. Jispjega li t-tieni Ordni tal-Avukat Ġenerali kien neċessarju għaliex il-Prosekuzzjoni talbet li tidħol imputazzjoni ġdida u allura x-xenarju ma baqax jikkonsisti fl-istess imputazzjoni.

24. Illi din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal dak li ngħad minnha fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat u tapplikah għal eċċezzjoni in eżami. Dak li qed jilmenta dwaru l-akkużat huwa li meta l-Avukat Ġenerali ħareġ l-ewwel Ordni huwa

punishment prescribed by law (quoting the article of the law creating the offence) or to any other punishment applicable according to law to the declaration of guilt of the accused."

akkwista l-jedd li jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li għalhekk ikun suġġett għal piena li possibbilment tkun inqas ħarxa minn dik li tista' timponi l-Qorti Kriminali. Dwar dan din il-Qorti tinnota li dak li qed jinsa l-akkużat hu li l-Avukat Ġenerali seta' jagħmel tali bidla b'dana illi għalhekk huwa ma kellu l-ebda dritt akkwiżit.

25. Illi għaldaqstant it-tieni eċċezzjoni tal-akkużat qed tkun miċħuda wkoll.

**<u>It-Tielet Eċċezzjoni</u>**

26. Illi fit-tielet eċċezzjoni l-akkużat jeċċepixxi n-nullita' tat-Tieni Kap tal-Att ta' Akkuża in kwantu r-reat fih dedott ma ġiex miġjub jew deskritt fis-sustanza bħal ma hu miġjub jew deskritt fl-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

27. Illi għal din l-eċċezzjoni l-Avukat Ġenerali jwieġeb billi jisħaq li fl-Att tal-Akkuża huwa straħ fuq il-fatti li ħarġu mill-atti kumpilatorji u qies, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet delineati fl-Att in kwistjoni, illi kellu jakkuża lill-akkużat. Jispjega li sabiex inħareġ tali Att tal-Akkuża l-Avukat Ġenerali kellu l-konvinċiment morali li tali akkużi huma riflessi fil-provi miġbura. Ikompli li dan mhux l-istadju fejn din il-Qorti teżamina l-meriti tal-każ sabiex tiddetermina jekk il-fatti miġjuba quddiemha jikkostitwixux fis-sustanza r-reat miġjub u deskritt fl-Ewwel Kap. Itenni li dak għandu jseħħ waqt il-ġuri. Jgħid li l-elementi rikjesti fil-liġi ġew osservati. Isemmi li l-elementi tar-reati u ċioè primarjament dawk tal-pussess aggravat ġew spjegati b'fedelta' lejn il-fatti li joħorġu mill-atti kumpilatorji u li jissostanzjaw ir-reat miġjub u deskritt f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża. Ikompli li stante li fil-parti narrativa ġew esposti dawk il-fatti li fis-sustanza tagħhom jirriflettu l-elementi tar-reat tal-pussess tad-droga *cannabis* taħt ċirkostanzi li juru li din id-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu, il-vot tal-liġi huwa sodisfatt.

28. Illi dwar din l-eċċezzjoni din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-2 ta' Mejju 2013 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta'**

**Malta vs. Carmel Saliba** (Numru 16/2011) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "8. Huwa evidenti li din l-eċċezzjoni hi msejsa fuq dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-*proviso* tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kapitolu 9, u ċioè li l-Att ta' Akkuża jkun null "…meta l-fatt miġjub fl-Att ta' l-Akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att."
>
> 9. Issa, biex tirnexxi eċċezzjoni bħal din jeħtieġ li jirriżulta li l-fatti kif deskritti fl-Att ta' Akkuża jew fil-Kap ta' l-Att ta' Akkuża li jkun qed jiġi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jiġi addebitat l-akkużat f'dak l-att jew f'dak il-Kap (ara Appelli Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Aibrahim Bashir Ben Matue**, 15 ta' Frar 1996; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Gatt et**, 22 ta' Mejju 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici**, 22 ta' April 2004). F'dawk is-sentenzi ġiet ċitata ġurisprudenza kopjuża ħafna fejn intqal ukoll li fl-eżami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mal-parti akkużatorja, il-Qorti trid toqgħod fuq il-fatti kif miġjuba fl-Att ta' Akkuża u mhux fuq il-fatti kif jistgħu jirriżultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistgħu jirriżultaw fil-kors tal-ġuri.
>
> 10. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Frederick Joseph Grech** mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fit-28 ta' Diċembru 2009 intqal dwar l-imsemmi paragrafu (b) tal-*proviso* tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 449:
>
>> **"Jibda biex jingħad li l-paragrafu (b) aktar 'l fuq imsemmi jitkellem dwar li l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi "fis-sustanza" ir-reat li jkun ġie addebitat lill-akkużat, u għalhekk jekk dak il-fatt "fis-sustanza" – u mhux neċessarjament**

**bl-użu ta' kliem preċiżi jew sagramentali – jammonta għar-reat dedott, ma jkun hemm ebda nullita' tal-Att ta' Akkuża (jew ta' xi kap partikolari tiegħu skont il-każ). L-iskop kemm ta' din id-dispożizzjoni kif ukoll tal-paragrafu (a) tal-istess *proviso* tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 hu li minn banda l-akkużat ikun jaf sew biex qed jiġi akkużat u għalhekk għal x'hiex irid jiddefendi ruħu, u, fit-tieni lok, li persuna, wara l-verdett tal-ġurati – verdett li, fir-realta', huwa dikjarazzjoni li ċerti fatti avveraw ruħhom – ma tiġix ikkundannata għal fatt li ma jammontax għal reat.""**

29. Illi tenut kont ta' dak li ġie ċitat hawn fuq, li din il-Qorti tagħmlu tagħha, din il-Qorti tinnota li fil-parti rigwardanti l-piena fl-Att tal-Akkuża in kwistjoni l-Avukat Ġenerali jindika fost l-oħrajn Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

"Ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza kull min –

(a) ikollu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża; jew […]."

30. Illi taħt is-sub-titolu "L-akkuża" fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża, l-Avukat Ġenerali jsemmi hekk:

"Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi akkużat Renato Micallef, ħati talli ta' nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu."

31. Illi meta wieħed iqabbel dan mal-fatti indikati fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża jirriżultaw is-segwenti fatti:

"Illi f'dan l-isfond, l-movimenti ta' James Micallef, iben l-akkużat, kienu qiegħdin jiġu sorveljati mill-Pulizija ta' Kontra d-Droga nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018). Jirriżulta li James Micallef kien jirrisjedi fir-residenza sitwata fi 134, Renlil, Triq il-Qattus, Birkirkara flimkien mal-akkużat Renato Micallef u martu Emmanuela Micallef. Jirriżulta illi nhar it-2 ta' Mejju 2018 filwaqt li l-Pulizija kienu qiegħdin jipprovaw jinterċettaw u jwaqqfu lil James Micallef waqt li kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla Toyota Vitz KBU 939 fil-lokalita' ta' Raħal Ġdid, l-akkużat Renato Micallef deher ħiereġ mir-residenza b'kaxxa bajda kontenenti d-droga u miexi ġewwa fid-direzzjoni ta' blokka garaxxijiet li kienet faċċata l-istess residenza ta' 134, Renlil, Triq il-Qattus, Birkirkara u dan f'tentattiv li jaħbi d-droga in kwistjoni wara istruzzjonijiet telefoniċi li rċieva minn ibnu James Micallef. Kien għalhekk illi l-akkużat deher joħroġ mir-residenza tiegħu bl-allegati kaxxi kontenenti droga u meta ġie avviċinat minn

Uffiċjali tal-Pulizija, huwa għalaq il-bieb tar-residenza u għalkemm fil-bidu irrifjuta li jiftaħ l-istess bieb, huwa eventwalment ippermetta lil Pulizija jidħlu. Illi ftit mumenti wara li l-akkużat ġie arrestat u ingħata d-drittijiet tiegħu skond il-liġi, wasal fuq l-istess post u ċioè fid-dar 134, Renlil, Triq il-Qattus, Birkirkara iben l-akkużat James Micallef illi kkonferma li l-kaxxi kontenenti d-droga misjuba fil-garaxx u fir-residenza kienu jappartjenu lilu, liema residenza kienet mgħammra b'sistema ta' CCTV cameras;

Illi meta l-Pulizija aċċedew fl-istess residenza sabu ammont konsiderevoli ta' kaxxi tal-kartun ta' lewn abjad li kienu mifruxin ġewwa d-dar. L-iskop tal-kaxxi tal-kartun kontenenti l-istess droga ma kienux għall-użu personali iżda intiżi għall-bejgħ u traffikar. B'hekk irriżulta illi l-akkużat kellu fil-pussess tiegħu u ċioè fir-residenza tiegħu sitwata fi 134, Renlil, Triq il-Qattus, Birkirkara madwar mija u ħdax-il kilo (111.276kg) droga ta' sustanza suspettata *Cannabis*, liema droga ma kienitx għall-użu personali iżda kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata hawn Malta kif jirriżulta miċ-ċirkostanzi li fih id-droga kienet miżmuma kif ukoll mill-ammont konsiderevoli tal-istess droga ppakkjata fid-diversi kaxxi li ġew misjuba fir-residenza tiegħu;

[…]."

32. Illi mingħajr ma' din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-każ, minn qari anke approssimattiv ta' dawn il-brani ċitati hawn fuq wieħed jinduna li l-fatti hekk kif deskritti jorbtu fis-sħiħ mar-reat stipulat taħt Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-akkuża indikata. Għaldaqstant isegwi li anke t-tielet eċċezzjoni tal-akkużat ser tiġi miċħuda wkoll.

**<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni</u>**

33. Illi fir-raba' eċċezzjoni l-akkużat jeċċepixxi l-inammissibilita' tax-xhud Emanuela Micallef bħala xhud tal-Prosekuzzjoni in kwantu tiġi l-mara tiegħu. Huwa jeċċepixxi wkoll l-inammissibilita' tax-xiehda mogħtija minnha fl-istruttorja fil-11 ta' Mejju 2018.

34. Illi permezz ta' Nota ppreżentata fit-13 ta' Novembru 2024 *ai termini* ta' Artikolu 438(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (*a fol.* 17 *et seq.*), l-Avukat Ġenerali jgħid li sa issa ma huwiex magħruf jekk l-akkużat huwiex sejjer jixhed u li għalhekk l-inammissibilita' tal-mara tiegħu ma tirriżultax.

35. Illi għal din l-eċċezzjoni l-Avukat Ġenerali jwieġeb billi jsemmi li huwa konxju minn dak li tgħid il-liġi (*a fol.* 21 *et seq.*). Itenni li tali impossibilita' tirriżulta wkoll fir-rigward tal-akkużat li ma identifikax jekk huwa hux ser jixhed.

36. Illi fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni din l-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Deniro Magri** (Numru 04/2024), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-artikolu 635 tal-Kodiċi Kriminali jirrendi bħala xhud inkompetenti lil miżżewġin, sħab f'unjoni ċivili u koabitanti fil-konfront ta' xulxin, b'dawn il-persuni għalhekk lanqas ma jistgħu jiġu imġiegħla jieħdu l-pedana tax-xhieda u jagħtu evidenza kontra l-parti l-oħra, f'dik l-unjoni, mixlija b'reat kriminali, la favur u lanqas kontra, ħlief f'dawk it-tlett istanzi ravviżati fl-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi u li hu paċifiku ma japplikawx għal każ in diżamina."

37. Illi Artikolu 635(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "B'dak kollu li jingħad fl-artikolu 633, il-miżżewġin, sħab f'unjoni ċivili u koabitanti ma jistgħux jinġiebu xhieda favur jew kontra xulxin, ħlief meta –
>
> […]
>
> (c) <u>b'talba tal-imputat jew akkużat</u> għax-xiehda tal-konjuġi jew tas-sieħeb f'unjoni ċivili, jew tal-koabitant l-imputat jew akkużat stess, meta dan jista' jixhed taħt ġurament skont l-aħħar artikolu qabel dan." [emfażi miżjuda]

38. Illi minn qari ta' dak li ġie appena ċitat jirriżulta li t-talba sabiex tixhed il-konjuġi tal-akkużat tista' issir biss mill-akkużat li jfisser li jekk l-akkużat ma jressaqhiex bħala xhud, hija ma tistax tiġi prodotta mill-Prosekuzzjoni. Apparti dan, fir-rigward tax-xhieda ta' Emanuela Micallef li l-akkużat jagħmel riferenza għaliha fl-eċċezzjoni in eżami jirriżulta li tul id-depożizzjoni mogħtija minnha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-11 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 46) hija kull ma qalet kien li għarfet ir-raġel tagħha ossia l-akkużat u lit-tifel tagħha James. Apparti minn dan, mill-verbal tal-istess seduta (*a fol.* 16 *et seq.*) jirriżulta li d-depożizzjoni ta' Emanuela Micallef ġiet ordnata li ma tkompliex tinstema' minħabba li kkonfermat li hija mart l-akkużat. Minħabba dan kollu, din il-Qorti ma tqiesx li għandha għalfejn tintlaqa' l-eċċezzjoni in eżami fi stadju prematur meta għadu ma ġiex kompost il-ġuri bil-konsegwenza li l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat**

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-EĊĊEZZJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI DWAR L-AMMISSIBILITA' TA' XI XHIEDA NDIKATI MILL-AKKUŻAT FIL-LISTA TAX-XHIEDA ANNESSA MAN-NOTA TAL-EĊĊEZZJONIJIET TAL-AKKUŻAT TAD-29 TA' OTTUBRU 2024 (*a fol.* 12 *et seq.*)</u>**

39. Illi permezz ta' Nota ppreżentata fit-13 ta' Novembru 2024 (*a fol.* 17 *et seq.*) l-Avukat Ġenerali ta avviż ta' kull eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' ta' provi li kellu l-ħsieb li jagħti u dana *ai termini* ta' Artikolu 438(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn l-eċċezzjonijiet imressqa mill-Avukat Ġenerali huma s-segwenti:

- fir-rigward tal-Lista tax-Xhieda man-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat, ix-xhud enumerat bil-punt numru wieħed (1) u ċioè James Micallef u dana minħabba li dan ix-xhud huwa iben l-akkużat u fil-konfront tiegħu għad hemm għaddejja proċeduri marbuta mal-każ odjern u stante li l-każ li jirrigwarda dan ix-xhud għadu ma għaddiex in ġudikat u b'hekk huwa xhud inammissibbli;

- fir-rigward tal-Lista tax-Xhieda man-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat, ix-xhud enumerat bil-punt numru tnejn (2) u ċioè Emanuela Micallef stante li *ai termini* ta' Artikolu 635(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta darba li ma hemmx indikazzjoni jekk l-akkużat huwiex ser jixhed l-inammissibilita' *o meno* ta' martu ma tirriżultax.

40. Illi rigward James Micallef, din il-Qorti tinnota li huwa prematur li dak li qed jintalab mill-Avukat Ġenerali jintlaqa' f'dan l-istadju meta jingħad li l-proċeduri ta' James Micallef għadhom ma għaddewx in ġudikat. Din il-Qorti hija tal-fehma li ġialadarba l-proċess ta' dan il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jasal fi stadju fejn ikun ser jiġi ċċelerbat il-ġuri, din il-Qorti tkun f'pożizzjoni aħjar tagħrbel jekk għandux jitressaqx James Micallef bħala xhud u dana dejjem jekk l-akkużat jibqa' jinsisti għalih.

41. Illi rigward Emanuela Micallef, din il-Qorti tagħmel riferenza għal konsiderazzjonijiet li saru minnha aktar 'il fuq f'din is-sentenza fir-rigward tar-raba' eċċezzjoni tal-akkużat b'dan illi l-konsiderazzjonijiet imsemmija hemm għandhom japplikaw hawn ukoll.

42. Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet imqajjma mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu tat-13 ta' Novembru 2024 (*a fol.* 17 *et seq.*).

**Decide**

43. Għal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi:

- tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-akkużat Renato Micallef fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet tiegħu ppreżentata fid-29 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 12 *et seq.*); u

- tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu ppreżentata fit-13 ta' Novembru 2024 (*a fol.* 17 *et seq.*).

44. Finalment, din il-Qorti tħalli l-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jista' jitressaq skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**